MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 98/2006

Coronato Attard .

Vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex .

Il-Qorti ,

Rat ir-rikors ta' Coronato Attard, fejn wara li ppremetta :

1. Illi huwa twieled fin-Nadur, Għawdex fit-tlettax (13) t'Awissu tas-sena elf disa' mija u tnejn u ħamsin (1952) u l-att tat-twelid tiegħu ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex bin-numru progressiv ħames mija u tmienja u erbgħin tas-sena elf disa' mija u tnejn u ħamsin (548/1952) kif jidher mill-kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument "A" ;

2. Illi fl-istess att tat-twelid isem missier l-attur ġie mniżżel bħala 'Paul' u isem omm l-attur ġie

mniżżel bħala 'Manwela' u dan nonostante illi fl-att tat-twelid tagħhom bin-numru progressivi mija u tlieta u tmenin tas-sena elf disa' mija u wieħed (183/1901) u sitt mija u tlieta u għoxrin tas-sena elf disa' mija u tnax (623/1912) rispettivament isimhom huwa mniżżel bħala 'Pietro Paolo' u 'Emmanuela' rispettivament u dan kif jidher mill-kopji tal-atti tat-twelid tagħhom hawn annessi u mmarkati bħala Dokument "B" u Dokument "C" rispettivament .

Talab lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din il-Qorti :

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru progressiv ħames mija u tmienja u erbgħin tas-sena elf disa' mija u tnejn u ħamsin (548/1952) billi fil-kolonna "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" l-isem 'Paul' jiġi sostitwit bl-isem 'Pietro Paolo' u fil-kolonna "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Omm" l-isem 'Manwela' jiġi sostitwit fl-isem 'Emmanuela' .

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti nġunt .

Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess rikors, u ċioe' bħala dokument 'A', kopja taċ-ċertifikat tat-twelid numru 548/1952, relattiv għall-attur; kif ukoll dokument 'B', kopja taċ-ċertifikat tat-twelid numru 183/1901 relattiv għal missier l-attur; kif ukoll bħala dokument 'C' kopja taċ-ċertifikat tat-twelid numru 623/1912, relattiv għal omm l-attur .

Rat ukoll ir-riferta pożittiva tal-konvenut illi ġie notifikat b'dan ir-rikors fl-ewwel ta' novembru, 2006; innutat illi l-konvenut minkejja din in-notifika għażel li jibqa' kontumaċi .

Rat ukoll ir-rikors ta' l-attur tas-sebgħa (7) ta' Settembru, 2006, li permezz tiegħu ġie awtorizzat jipproċedi permezz ta' l-għajnuna legali .

Il-Qorti, wara li fliet id-dokumenti esebiti, u peress illi jidhrilha illi t-talba attriċi hija ġustifikata, tiddeċidi dwar ir-rikors billi tilqa' t-talba u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru progressiv ħames mija tmienja u erbgħin tas-sena elf disgħa mija tnejn u ħamsin (548/1952), billi fil-kolonna "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier" l-isem 'Paul' jiġi sostitwit bl-isem 'Pietro Paolo', u fil-kolonna "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-Omm" l-isem 'Manwela' jiġi sostitwit bl-isem 'Emmanuela' .

Minhabba n-natura tal-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------